KUNSILL LOKALI

LOCAL COUNCIL

RABAT
*Citta' Victoria*

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR32/VIII/2022**

**It-Tnejn, 11 t' April, 2022.**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fl-uffiċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tnejn, 11 t'April, 2022 fil-5:00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**
Is-Sur Josef Schembri – Sindku
Is-Sur Michel Buttigieg - Kunsillier
Is-Sur Joseph Debrincat - Kunsillier
Is-Sur Marcel Tabone – Kunsillier
Is-Sur Charlie Hili – Kunsillier

**Skużati:-**
Is-Sur Brian Azzopardi – Viċi Sindku
Is-Sinjorina Maria Portelli - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI
Is-Sur Joebert Galea – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Josef Schembri ppresjeda l-laqgħa.

**32.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fil-5:00 p.m. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**32.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Inqraw l-ittri t'apoloġija tal-membri Brian Azzopardi u Maria Portelli.

**32.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

32.3.1 Is-Sindku għarraf li l-minuti ta' l-aħħar laqgħa għadhom mhux lesti minħabba li Segretarju Eżekuttiv hi ndisposta u għaldaqstant ser jiġu approvati darb' oħra.

**32.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku għarraf lill-membri li:-

32.4.1 saret applikazjoni fil-Fond ta' Aġġustament għall-lokalitajiet lill-ħdax-il belt;

32.4.2 il-bozza ta' Triq il-Kapuċċini mad-dar 'Madonna ta' Pinu' twaħħlet u lesta;

32.4.3 ġiet approvata l-applikazjoni għall-Iskema Reġjonali – Kultura Għawdex u r-Reġjun Għawdex approva €10,000 lill-Kunsill tar-Rabat;

32.4.4 qed isiru xogħlijiet fuq *Smart Parking* ġo Pjazza Santu Wistin, Triq ir-Republika u Triq Fortunato Mizzi mis-sezzjoni ta' COI fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex flimkien ma Transport Malta;

32.4.5 tkellem ma' rappreżentanti tal-KIP fejn ġibed l-attenzjoni dwar żibel li qed jinġabar fi gżuż minn filgħaxija, fit-toroq ta' wara San Ġorġ. Dan sabiex din il-prassi tieqaf immedjatament;

32.4.6 dwar il-pitch tal-boċċi taċ-Ċawla talab lill-Ministeru għal-Għawdex sabiex jindika f'hiex wasal l-proċess biex jiġu riveduti l-pjanti tat-tiġdid tal-post;

32.4.7 saret il-laqgħa tal-lokalita' permezz ta' *Microsoft Teams* nhar il-Ġimgħa 25 ta' Frar, 2022 fil-17:00. Il-membri approvaw il-minuti;

32.4.8 ġibdulu l-attenzjoni li fi Triq Vajringa xi vetturi qed iħallu ammont sostanzjali ta' żejt wara li jkun waqfu sabiex iħottu l-merkanzija. Ġie maqbul li jiġi nfurmat id-Dipartiment għall-Protezzjni Ċivili sabiex inaddfu ż-żejt u jitneħħa kull periklu.

**32.5 Mistoqsijiet mill-Kunsillieri**

32.5.1 *BMX Area* fil-*Playing Field* - Rigward Ċirkulari Numru SPI/SCI/1/2022 li tirrigwarda Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-*Playing Fields* fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex, is-Sindku għarraf lill-membri li għad qed nistennew risposta minn Julian Delia dwar il-proposta.

**32.6 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

32.6.1 Nicholina Cini għal talba ta' bankina ġdida fi Triq Wied is-Seqer. Il-membri qablu li t-talba tintbagħat lill-Ministeru għal Għawdex;

32.6.2 talba ta' bankina ġdida fi Triq il-Mitħna minn Ġorġ Micallef. Il-membri qablu li t-talba tintbagħat lill-Ministeru għal Għawdex;

32.6.3 Frank Salt dwar talba għal reklami ma' *zebra crossings* u *hazardous street corners*. Is-Sindku qal li mid-Diviżjoni għal Gvern Lokali kienu ssuġġerew sabiex il-Kunsill jaħdem biex tinħareġ *bye-law* fejn il-Kunsill ikollu ntrojtu minn dawn it-tabelli. Dan kif diġa maqbul fil-laqgħa li għaddiet;

32.6.4 il-Qorti t'Għawdex fejn il-Kunsill irċieva mandat għal taħrika ta' xhieda fil-kas ta' Marica Cremona et vs Filomena Attard et. rigward permessi ta' ħanut fi Pjazza San Ġorg;

32.6.5 il-Qorti t'Għawdex rigward Mandat ta' Sekwestru li l-Kunsilli Għawdxin irċevew mingħand il-Qorti t'Għawdex li ġie rikjest minn Gatt Enterprises Ltd. fil-konfront ta' Road Construction Co. Ltd. Il-membri qablu li għal issa ma jibqgħux isiru pagamenti lill-Road Construction Co. Ltd. rigward il-*Public Private Partnership* li jkopri t-tarmak fit-toroq Wied Seqer u Sagħtar.

**32.7 *'New Energy efficient lighting system for St George's Square and the old streets within the City Centre in Victoria, Gozo'. LCF/16/2020 – update***

Is-Sindku għarraf li l-kuntrattur lesta it-twaħħil tal-fanali u baqa tlett fanali li għadhom mhux jixgħelu. Dawn ser ikunu lesti fil-ġranet li-ġejjin.

Il-membru Buttiġieġ qal li fir-riġward ta' dan il-proġett il-kuntrattur infurmah li kien hemm erba' fanali żejda u staqsih jekk jinbidlux ma dawk l-erba' li hemm fil-ġnub tal-knisja ta San Ġorġ biex ikunu parigg tal-kumplament. Il-kunsillier Buttiġieġ mar staqsa lil-Arċipriet u dan ma sab l-ebda oġġezzjoni. Buttiġieġ qal li bi żvista ma nfurmax lill-kunsill b'din id-deċiżjoni, li fl-aħħar mill-aħħar dawn l-istess erba' fanali ma twaħħlux ma xi residenza privatà imma twaħħlu mal-Knisja ta' San Ġorġ fejn jistgħu jitgawdew minn kullħadd.

**32.8 Restawr tal-istatwi taz-zuntier tal-Kunvent ta' Santu Wistin u San Ġorġ tal-Ħaġar – *update***

32.8.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill qed jistenna risposta għal talba li saret lid-Diviżjoni għal Gvern Lokali sabiex tkun tista' tinħareġ *direct order* biex isir dan ir-restawr. Dan kif maqbul fil-laqgħa KLR 30/VIII/2022.

**32.9 Immaniġjar tat-Traffiku**

Tressqet korrispondneza mingħand:

32.9.1 Elizabeth Paulson dwar sinjali tat-traffiku fi Triq il-Librerija. Ma tteħditx deċiżjoni;

32.9.3 Prof. A. Grech fejn issuġġerixxa li ssir *road hump* jew *speed camera* fi Triq Pompei. Ġie maqbul li ssir talba lill-Transport Malta (TM);

32.9.4 Sid t'għalqa fi Triq Patri Anton Debono li talab għat-tneħħija ta' parkeġġi biex ikun jista' jidħol bit-*tractor* ġo l-għalqa. Il-membri ma qablux li jitneħħew il-parkeġġi;

32.9.5 il-Parroċċa ta' San Ġorġ fejn intalab sabiex jitwaħħlu *bollards* mad-dawra tal-faċċata tal-knisja peress li għadha kif ġiet restawrata. Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM;

32.9.6 TM għal talba għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' ta' Mary Galea ta' 26, Pjazza San Franġisk. Għandha timtela l-formola rikjesta.

Materji relatati ma TM

32.9.7 Il-membru Buttiġieġ qal li f'taċ-Ċawla H.E., TM neħħew parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' peress li din il-persuna mietet.

32.9.8 Il-membri qablu li għandhom jitneħħew l-parkeġġi riservati għall-persuni b'diżabilita' minn ġo Triq ir-Republika ta' dawk il-persuni li mietu jew li m'għadhomx joqgħodu hemm u li għalhekk ma għadhomx jintużaw, Ser jintalab il-permess ta' TM.

32.9.9 Il-membru Debrincat talab sabiex jerġa jinżebaħ parkeġġ riservat għall-muturi fi Triq Santa Martha faċċata tal-Flamingo. Il-membri qablu.

**32.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Marzu 2022 u April 2022 skond dokumenti A anness u B annessi.

**32.11 Xogħlijiet oħra**

32.11.1 Tressaq ir-rapport t'evalwazzjoni rigward VLC/01/2022 – *Design and build of a Solar Powered CCTV System at* Triq Ġużeppi Spiteri. L-orħos offerta hi ta' Alarmtech Ltd bi prezz ta' €5,000. Il membri qablu mad-deċiżjoni tal-bord u aċċettaw din l-istima.

32.11.2 L-offerta VLC/02/2022 - *Design and Build of a Solar Powered CCTV System at* taċ-Ċawla H.E., Triq taċ-Ċawla and Triq Patri Anton Debono għalqet fit-18 ta' Marzu 2022. William Sultana, Fabian Galea, Dr. Larry Formosa u l-Inginier Mario Cauchi ser jitqabbdu sabiex jevalwaw l-offerti mixħuta.

32.11.3 Tressaq ir-rapport relatat mall-proġett *"Identity of an Island", SFLS/RFQ/06/2022 - Quotations for the Printing of Publication entitled "Identity of an Island Gozo: Art between Past and Present".* Il-membri qablu li tintgħazel l-istima ta' A&M Printing Ltd bil-prezz ta' €4,026.75 peress li hi l-orħos waħda.

32.11.4 Tressaq ir-rapport reletat mal-proġett *"Identity of an Island", - SFLS/RFQ/08/2021 – Quotations for the supply and delivery of a 4K Ultra High Definition Projector.* Il-membri qablu li tintgħażel l-orħos stima ta' Doneo Co. Ltd bil-prezz ta' €1,149.00.

32.11.5 Il-membri qablu li tiġi organizzata mawra ta' ġurnata fi Sqallija. Ser jiġi mħejji l-programm.

**32.12 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7:00 ta' filgħaxija u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, it-Tlieta, 31 ta'Mejju, 2022.

Josef Schembri
Sindku

Joebert Galea
Deputat Segretarju Eżekuttiv